# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru  54**

**Citaz.  numru:  1314/00 M2 NA**

**Marija Zammit**

**vs**

**Agostino Zammit**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 2000 fejn titlob lill-Qorti tordna illi l-manteniment li l-intimat gie kkundannat ihallas lill-attrici mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili jigi mnaqqas direttament mill-paga li l-intimat jippercepixxi minn ghand il-Gvern.

Wara li l-intimat finalment gie notifikat ghamel risposta fl-20 ta' Lulju 2000 fejn, apparti milli jidhol fil-meritu ta' ghandux jew le

jhallas alimenti *pendente lite*, isostni li l-Prim'Awla ma ghandhiex l-awtorita' li tordna dak mitlub.

Il-Qorti semghet lill-partijiet bil-gurament u lill-Avukati rispettivi taghhom fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000. L-attrici, tramite d-difensur taghha talbet, u gie lilha koncess, taghmel nota ta' sottomissjonijiet dwar il-punti legali nvoluti f'din il-vertenza. Din in-nota saret fil-31 ta' Jannar 2001 u ghaliha saret nota responsiva fl-14 ta' Frar 2001 filwaqt illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2001 ir-rikors gie differit ghallum ghall-provvediment.

Ikkunsidrat:-

Illi x-xhieda tal-partijiet ukoll tirrigwarda l-meritu ta' jekk il-konvenut/intimat ghandux ihallas alimenti *pendete lite*. Din ix-xhieda ghalhekk hija rrilevanti ghall-fini ta' dan il-provvediment li jittratta biss materja purament legali minkejja illi din ix-xhieda tista' tkun utili fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni personali bejn din il-koppja.

Ikkunsidrat:-

Ir-riferenza ovvja fir-risposta ta' l-intimat hija ghal dak deciz minn din il-Qorti fil-kaz "Bone vs Bone" (27/12/99). F'dak id-digriet din il-Qorti kienet ikkonkludiet illi: "*Jidhrilha pero' illi l-intimat ghandu ragun u li din mhiex l-interpretazzjoni legali korretta peress illi, fil-fehma taghha, id-dicitura tal-ligi hija cara illi din l-ordni tista' tinghata biss jew bis-sentenza jew f'digriet li jinghata* <u>*wara*</u> *(sottolinear tal-Qorti) fuq talba ghaldaqshekk mill-kreditur u dana tenut kont ukoll tal-fatt illi s-sub-artikolu (3) huwa eccezzjoni ghar-regola generali fuq imsemmija li dawn l-introjti ma jistghux jigu sekwestrati.*" Il-Qorti kienet waslet ghal din id-decizjoni wara li kkunsidrat l-Artikoli kollha msemmija mill-attrici fin-nota taghha u cioe' l-Artikoli 480 (3) (a), 253 (a), 273 (c), 375 u 381 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment wara li kkonsidrat li s-sub-artikolu (3) ta' l-istess Artikolu 381 huwa eccezzjoni ghar-regola generali illi s-Salarji u l-Pensjonijiet ma jistghux jigu ssekwestrati. Din il-Qorti ftit ghandha x'izzid mar-ragunament taghha fid-digriet fuq citat dment illi l-provvedimenti tal-ligi ma jinbidlux hlief ghal dak li sejjer jinghad. Dan nonostante l-Qorti ma tistax u ma hijiex sejra taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu dwar l-Artikolu 470 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-digrieti tas-Sekond'Awla

jibqghu *in vigore* sakemm jigu revokati jew mibdula mill-istess Qorti jew minn din il-Qorti dment illi jkun segwit it-terminu stipulat fl-Artikolu 480 (4) u ghaldaqstant a tenur tas-sub-artikolu (3) ta' l-istess Artikolu 480 huma titoli ezekuttivi ezegwibbli bil-mezzi kollha permessi mil-ligi anke taht l-istess Artikolu 382 (1) ta' l-istess Kapitolu 12, hlief ghall-eccezzjoni msemmija f'dan id-digriet.

It-talba attrici hija ghalhekk michuda filwaqt illi l-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.